Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Numru: 466/2011

Il-Pulizija

[Spettur Johann J. Fenech]

Vs

Warren Bugeja

Illum, 19 ta' Novembru, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat Warren Bugeja, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 8290M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-1 ta' Mejju f'dawn iI-Gzejjer:

(a) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) rninghajr awtorizzazzjoni specjali bi1-miktub mis-Superintendent tas-Sahha Pubblika hi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Novembru, 2011, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a),

120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 u ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985 sabet lill-imputat mhux hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha.

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fl-14 ta' Novembru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz issib lill-appellat hati tal-akkui kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-Avukat Generali u cioe':-

Illi 1-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza liberatoija taghha hawn fuq riferita, inter alia ghamlet apprezzament zba1jat tal-provi kif migjuba li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontrih, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi preliminarjament jinghad ghal kull buon fini li dan l-appell jittratta biss is-sentenza finali kif deciz fit-2 ta' Novembru 2011.

Illi fl-ewwel lok jirrizulta ampjament car mill-mod u manjiera kif sviluppa l-kawza in kwistjoni u kif finalment il-Qorti tal-Magistrati wasslet biex taghti s-sentenza finali u liberatorja, illi l-provi li ngiebu quddiem dik 1-Onorabbli Qorti ma gewx ezaminati skond ir-regoli tal-gbir tal-provi fil-proeduri penali.

Filfatt allavolja fid-digriet taghha din l-istess Qorti rriteniet li l-istqarrija ghandha tibqa parti mill-atti proesswali ddecidiet billi lanqas biss tapprezza 1-kontenut u l-

legalita' tal-istess u minflokk skartat din 1-stqarrija minhabba l-lezjoni li 1-Qorti tal-Magistrati wahedha wasslet ghaliha a bazi tal-insenjamenti tal-istess Qorti Kostituzzjonali.

Illi b'kull dovut rispett l-appellant jissottometti li semmai l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi l-piz tal-prova tenut kont ukoll tad-decide fis-sentenzi kostituzzjonali riferuti minnha stess fejn gie specifikat li l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi u li 1-validita' u l-ammissibilta' tal-istqarrija tigi meqjusa mill-Qorti penali f'dak id-dawl. Meta l-ewwel Qorti skartat l-istqarrija minhabba l-lezjoni, effettivament hi marret kontra s-sentenzi Kostituzzjonali allavoija l-intenzjoni tal-ewwel Qorti kienet li filfatt dawn is-sentenzi jigu segwiti skrupolozament u dan peress li kkoncediet di sua sponte li peress li ma kienx inghata l-fakolta li jikkonsulta ma avukat, id-drittijiet tal-akkuzat gew miksura.

Illi filwaqt li l-appellant ma jistax ma jsaqqsix jekk il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati hix estiza ghal decizjonijiet dwar id-drittijiet tal-bnedmin, fis-sitwazzjoni li giet addottata mill-Qorti f'dan il-kaz u cioe li ma tirreferix il-kaz izda li ssegwi l-insenjamenti tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, l-ewwel Qorti kellha tanalizza jekk il-prova tal-istqarrija setghetx twassal ghas-sejbien ta' htija o meno tal-akkuzat u li setghet b'xi mod ivvijat dak illi l-appellat stqarr hemmhekk, konsiderando dejjem li skond l-istess Qorti tal-Magistrati, tirrizulta lezjoni fid-drittijiet tieghu bhala stat ta' fatt peress illi ma kellu access ghall-assitenza legali. Kwindi 1-Qorti keliha ssaqsi lilha nnifisha x'effett seta' kellu l-fatt illi l-appellat irilaxxa l-istqarrija minghajr ma kien assistit minn Avukat u kif dan il-fatt seta' jinfluwixxi fuq il-volontarjeta' tal-istqarrija tal-istess appellat. X'effett setgha kellu 1-fatt illi l-appellat kellu biss tmintax il-sena meta' rrilaxxa 1-istqarrija tieghu fid-dawl ta' dak li stqarr u ta dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi preedenti? Dan iktar u iktar jinghad tenut kont tal-fatt li din l-ewwel Qorti kkoncediet fid-digriet taghha illi c-cirkostanzi ta' dan il-kaz mhumiex identki ghal dawk ta1-kaijiet deizi mill-Qorti Kostituzzjonali u Ii saret referenza ghalihom. Dan il-fatt innifsu kien iktar u iktar jimmerita dan 1-ezercizzju da parti tal-ewwel Qorti, liema ezercizzju pero' naqqas milli jsir.

Illi billi 1-ewwel Qorti skartat l-istqarrija minhabba l-lezjoni, l-apprezzament tal-provi kif kien pretiz minnha li taghmel, ma sarx u dan peress li hi f'ebda mod m'apprezzat il kontenut tal-istqarrija migjubha quddiemha irrispettivament tal-fatt li ghazlet li tirritjeni dan id-dokument bhala parti mill-provi fil-kaz innifsu konsiderando wkoll li din l-istqarrija kienet finalment ittiehdet skond il-ligi' in vigore dak iz-zmien u li permezz ta gurisprudena nostrana konsiderando l-ammissjoni fiha, titqies ukoll bhala l-prova regina. Dan anzi wassal sabiex il-Qorti tal-Magistrat tat-rimedju hi ghall-lezjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq tal-akkuzat kif stabbilit minn l-ewwel Qorti stess, li semmai kellu jkun il-kompitu tal-Qorti Kostituzzjonali. Kull ma keliha taghmel l-ewwel Qorti kienet li tqis jekk l-akkuzat hux lil hinn minm kull dubbju dettat mir-raguni, hati jew le tal-akkuzi migjuba kontrih fid-dawl tal-provi kollha u in konsiderazzjoni kontestwalment ta dak li gie ritenut mis-sentenza kostituzzjonali. Wahda ma kinitx intiza li tiskarta lill-ohra.

Illi jirrizulta mis-sentenza finali ta' din l-ewwel Qorti, li l-prosekuzzjoni kienet qed isserah il-kaz taghha fuq 1-ammissjoni fl-istqarrija, liema prova pero giet skartata ghax fi zmien meta ittiehdet l-appellat ma kienx inghata l-jedd li jikkonsulta mal-avukat tieghu, senjatament ghax dan l-obbligu fuq il-pulizija ma kienx ghadu dahal fis-sehh fil-ligi taghna. Madankollu permezz tas-sentenza taghha l-ewwel Qorti holqot kontro-sens u dan peress li lanqas biss saret referenza ghax-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech li kien xhud tal-istqarrija u ta' PS214 Luke Bonello li abbozza r-rapport tal-PIRS dwar i1-kaz, liema dokument jaghmel referenza ghat-telefonata li dahlet l-ghassa mit-tabiba Azzopardi li a tempo vergine kienet infurmat lill-pulizija bi-istat tal-appellat u cioe li kien qed ibaghti minn overdose ta' drogi kkontrollati u illegali f'pajjizna. Partikolarment fil-kaz tal-ispettur Johann Fenech hu kien xhud ta' dak li ntqal mill-appellat waqt l-konfessjoni tieghu liema prova ai termini tad-digriet ta' dik l-istess Qorti, baqat fi-atti u allura keliha titqies bhala prova ta' dak li qal l-appellat u tal-istqarrija. Jirrizulta wkoll mill-atti li 1-kuntistabbli WPC92 S. Baldacchino li kienet xhud tal-istqarrija tal-appellat ma xehditx peress li

skond verbal datat l-14 ta' Dicembru 2011 hi giet ezentata milli tixhed mid-difiza tal-istess appellat.

Illi fit-tieni lok u minghajr preudizzju ghas-sueccipit, l-argumentazzjoni tal-appellant qed jigi sostnut ukoll in linea tal-artikolu 349(2) tal-Kodici Kriminali li jaqa taht it-titolu dwar is-setghat u d-dmirijiet tal-Pulizija Eekuttiva fil-provedimenti Kriminali u li fosthom jinkludu t-tehid ta' kampjuni u anki d-dritt tal-assitenza legali. Dan 1-artikolu jinqara kif gej:

> **349.** (1) Uffiċjal tal-pulizija għandu jkollu biss dawk is-setgħat vestiti fih skont il-liġi u fil-limitu awtorizzat mil-liġi, u f'din id-disposizzjoni l-kelma liġi għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.
>
> (2) L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalità jew ħtieġa preskritti taħt dan it-Titolu m'għandhom ikunu ta' ebda ostaklu biex tinġieb prova, waqt il-kawża, b'mod permess bil-liġi, dwar il-fatti li għalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalità jew ħtieġa.

Kwindi jekk qedghin nikkoncedu li l-appellat ma nghatax l-opportunita li jikkonsulta ma avukat u minhabba f'hekk hu qieghed lilu nnifsu f'posizzjoni pregudikanti li setghet tinkriminah u li kwindi wasslet ghall-lezjoni tad-drittijiet tieghu, tali ommissjorli ta' formalità jew htiega, mhuwiex ostakolu ghall-ammissibbilita tal-provi u kwindi l-Qorti ma setghetx ma tapprzzeax din il-prova u sempliciment tiskartha' minhabba n-nuqqas tal-prezenza tal-Avukat fil-pre-trial stage, iktar u iktar meta lanqas biss kienet rikjesta mill-ligi ta' dak iz-zmien li din issir ad obligatem. Dan ma jfissirx li jekk il-pulizija tonqos milli thares xi wahda minn dawn il-formalitajiet hi ma tkunx responsabbli ghan-nuqqasijiet da parti taghha izda lanqas ma jfisser li fin-nuqqas taghhom il-prova li tkun ingabret fiha nnifisha tispicca fix-xejn.

Illi kien ghalhekk li l-ewwel Qorti keliha tapprezza l-kontenut ta' din il-prova u tappreza l-piz jew pern taghha u dan anki fid-dawl tal-lezjoni kif iddikjarata minnha stess u skond is-Sentenzi Kostituzzjonali. Meta sempliciment skarat il-prova tal-istqarrija a bazi tal-lezjoni iddikjarata minn dik l-istess Qorti a bazi ta' insenjamenti mill-Qorti Kostituzzjonali, minghajr lanqas ma kkunsidrat u analizzat il-kontenut taghha kif ukoll il-provi orali li kien hemm (Spet. Johann J. Fenech u PS214 Luke Boneblo), l-ewwel Qorti ghamlet il-kontra ta' dak li tishaqq id-disposizzjoni hawn fuq ikkwotata. Dan huwa iktar ironiku meta l-istess Qorti rrikonoxxiet li jekk il-Qorti Kostituzzjonali riedet tannulla l-proeduri jew tisfilza l-istqarrija bhala rimedju, kienet taghmel dan kategorikament u mhux tihghat l-atti lura lill-Qorti penali ghall-prosegwiment u kontinwazzjoni tal-kaz de quo.

Illi ma kienx il-kompitu ta' l-ewwel Qorti li tirrimedja flok il-Qorti Kostituzzjonali specjalment minhabba l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali tista tirrikonoxxi ksur tad-drittijiet fundamentali minghajr ma tirrimedja (just satisfaction). Anki dan gie rikonoxxut mill-ewwel Qorti fid-digriet taghha datat l-10 ta' Ottubru 2011. Din ic-cirkostan\a fil-fatt irrizultat fil-kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet Pulizija vs Noel Arrigo et fejn dik l-Onorabbli Qorti ddecidiet li kien hemm lezjoni izda ma tat l-ebda rimedju effettiv apparti li 'titqiegtied kopja ta' dan il-gudikat fl-atti tal-proess krirninali fl-ismijiet 'Pulizija vs Dr. Noel Arrigo LL.D. et illi fih
ir-referena kostituzzjonali odjerna'. Effettivament allavoija giet iddikjarata din il-lezjoni, il-kaz kontra l-akkuzati Arrigo u Vella kompla skond il-ligi penali u sa fl-ahhar gew misjuba hatja u ggudikati mill-Qrati penali u konfermati f'istadju ta' appell fil-kaz tal-Prim Imhallef emeritus Noel Arrigo. Ma kien hemm 1-ebda jedd da parti tal-Qorti Kriminali jew penali li tipprovdi rimedju flokk il-Qorti Kostituzzjonali ghas-sentena ta' 1ezjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, Onor Imhallef Anton Depasquale, Onor lmhallef Albert J. Magri u l-Onor Imhallef Geoffrey Valenzia, deciza fid-29 ta Ottubru 2003 stess. Il-lezjoni giet rikonoxxuta u 1-proceduri tkomplew skond il-ligi minn hemmhekk il-quddiem.

Illi kwindi jidher car li mhux talli sar apprezzament hazin tal-provi migjuba izda li sahansitra l-Qorti naqset kategorikament li tqis il-provi kollha migjuba quddiemha

kif kienet pretiza li taghmel skond il-ligi, u liema nuqqas wassal ghall-liberatorja ingustifikata tal-appellat li finalment kien ammetta ghall-akkuzi migjuba kontrih u minghajr ma gie mgieghel, mhedded jew mwieghed xi vantagg. Filwaqt li s-sentenza Kostituzzjonali li saret referenza ghalihom, f'ebda mod m'huma qed jigu minimazzati, din 1-ammissjoni tal-appellat tibqa li hi u ghandha tigi meqjusa bhala tali. In-nuqqas ta' apprezament ta' l-ewwel Qorti u l-konk1uzjonijiet ghas-sentenza liberatorja taghha indubjament ma jirrapprezentawx apprezzament siewi tal-provi prodotti li kwindi ma jiggustifikawx il-konk1uzjonijiet tas-sentenza appellata anke fid-dawl tas-sentenzi Kostituzzjonali.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tas-16 ta' Jannar 2014 fejn giet ordnata it-trattazzjoni mill-gdid u jekk ikun il-kaz ghal provi limitatament ghall-effetti ta'l-istqarrija f'dan il-kaz.

Rat illi ghalkemm moghtija din l-opportunita, id-difiza naqqset milli tressaq tali prova biex b'hekk il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta'l-Avukat Generali fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2015 u awtorizzat lid-difiza tressaq is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fi zmien hmistax-il jum.

Rat illi id-difiza ma resqitx sottomissjonijiet fiz-zmien stipulat u lanqas wara.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali qieghed iressaq l-impunjattiva tieghu kontra id-decizjoni appellata u dan meta l-Ewwel Qorti skartat l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat bhala prova in sostenn ta'l-unika akkuza migjuba kontra tieghu dwar il-pussess semplici

tal-medicina psikotropika u ristretta, maghrufa ahjar bhala l-*ecstasy*. Dan iktar u iktar ghaliex fil-mori tal-proceduri in prim'istanza it-talba maghmula mill-imputat sabiex issir referenza kostituzzjonali minhabba allegata lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u dan in konnessjoni ma'l-istqarrija migjuba in atti bhala prova, l-Ewwel Qorti kienet cahdet dina it-talba u dan fid-dawl ta' decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali sa dak il-mument[1]. Illi l-Avukat Generali jishaq izda illi fuq skorta ta' dak deciz sussegwentement ghal tali decizjonijiet fil-kawza Charles Steven Muscat vs Avukat Generali, l-Ewwel Qorti ma setatx allura taqbad u tiskarta l-istqarrija bhala prova fl-atti u dan minghajr qabel ma tixtarr u tevalwa l-istess prova fid-dawl tal-provi l-ohra li kien hemm in atti.

Illi bid-decizjoni ta' din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, allura, billi l-aggravvju ta'l-Avukat Generali kien qieghed jistrieh fuq argumenti legali u linji gwida imfassla f'decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija wara s-sentenza impunjata, allura inghata il-jedd lill-appellat iressaq provi u sottomissjonijiet abbazi ta' dan l-insenjament gdid.

Illi moghti dina l-opportunita, madanakollu, l-appellat naqqas milli jaghmel dan u kwindi dina l-Qorti sejra tghaddi ghad-decizjoni taghha abbazi tal-provi li hemm fl-atti.

Issa, huwa fatt inkontestat illi meta l-appellat ġie interrogat mill-Pulizija, fl-ebda ħin ma ngħata l-opportunita` li ifittex l-assistenza legali qabel gie mitkellem, u dan peress illi l-artikoli 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali kienu għadhom ma gewx fis-seħħ. Mhux inkontestat lanqas illi l-appellat ngħata it-twissija skond il-liġi vigenti f'dak iz-zmien fejn ġie infurmat bid-dritt tieghu ghas-silenzju, iżda li dak li igħid f'kaz ta' rinunzja ghal tali jedd jista' jinġieb bi prova kontra tieghu fi process gudizzjarju.

Illi huwa fatt inkontestat ukoll illi l-gurisprudenza kostituzzjonali li tkellmet dwar dan il-jedd ta' smiegh xieraq estendiet dan il-jedd sahansitra ghal mument meta persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat tigi arrestata u interrogata.

[1] Il-Pulizija vs Alvin Privitera, Il-Pulizija vs Esron Pullicino u il-Pulizija vs Mark Lombardi (12/04/2011)

Illi allura gjaldarba l-Ewwel Qorti kienet fil-mori tal-proceduri tal-fehma illi ma kellhiex *a priori* tibghat il-kwistjoni dwar l-ammissibbilita ta'l-istqarrija bhala prova ghal pronunzjament kostituzzjonali dwar il-ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq ta'l-akkuzat, hija kellha imbaghad qabel ma tghaddi ghad-decizjoni taghha tevalwa l-validita ta' dik l-istqarrija fid-dawl tal-provi li kien hemm quddiemha u mhux tabqad u tiskartaha semplicement ghaliex l-akkuzat ma kienx moghti il-jedd li jikkonsulta ma'l-avukat qabel ma irrilaxxjaha, ghalkemm il-pronunzjament kostituzzjonali sa dak iz-zmien kien sa certu punt qieghed jindika illi hekk kellu isir. Illi ta' riljev f'dan il-kaz hija id-decizjoni moghtija fil-kaz Ahmet Mete v. it-Turkija fejn il-Qorti Ewropeja ma sabitx ksur, għalkemm f'dan il-każ ukoll ir-rikorrent għamel stqarrija mingħajr ma kellu għajnuna ta' avukat.:

**"Even assuming that the authorities refused to assign him a lawyer, despite his explicit request, the Court is of the opinion that the lack of legal assistance at the early stage of the proceedings did not deprive the applicant of a fair hearing. In reaching this conclusion, the Court has taken into account the entirety of the proceedings, in particular the fact that the applicant had a lawyer throughout the proceedings before the İzmir State Security Court and the Court of Cassation. Moreover, the Court notes that the İzmir State Security Court based its final decision, not only on his statements given in police custody but also on his statements given during the hearings, his confessions made before the public prosecutor and the statements of the other accused."**

Dan ghaliex il-Qorti kienet tal-fehma illi dak li kellu jigi mistharreg mhuwiex daqstant il-fatt illi l-imputat ma inghatax il-jedd li jikkonsulta ma' avukat fil-mument ta'l-interrogazzjoni, izda jekk b'tali nuqqas kienx qed jigi lez il-jedd tieghu ghal smiegh xieraq fil-proceduri penali istitwiti kontra tieghu meta l-konfessjoni bhala prova regina kienet bit-tendenza inkriminati taghha qed twassal wahedha ghal dikjarazzjoni ta' htija.

Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta illi l-appellat kien iddahhal l-isptar isofri minn *overdose* ta' xi sustanza medicinali. Illi l-Prosekuzzjoni tallega illi din kienet *overdose* ta' amfetamina u metamfetamina. Dan sehh fl-1 ta' Mejju 2008. Illi mill-atti jirrizulta

ukoll illi l-pulizija kienu bghatu ghall-appellat sabiex jigi mitkellem madwar xahar u nofs wara li sehh dan l-incident, f'liema perijodu ta' zmien allura l-appellat ma kienx arrestat u allura kellu kull opportunita li jikkonsulta ma' avukat sabiex jikseb il-parir mehtieg. Qabel ma irrilaxxja l-istqarrija tieghu huwa gie moghti it-twissija vigenti f'dak iz-zmien dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju. F'din l-istqarrija l-appellat, li kellu tmintax-il sena, kien ammetta mal-pulizija illi huwa kien xtara pillola *ecstasy* ghal prezz ta' ghaxar ewro u ikkonsmaha. Wara dan il-pulizija istitwew dawn il-proceduri penali kontra tieghu.

Illi fil-mori tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti  xehed l-Ufficjal Prosekutur dwar l-investigazzjoni maghmula u l-istqarrija rilaxxjata. Illi fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2010, id-difiza, imbaghad ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq provi dwar il-volontarjeta ta'l-istqarrija ta'l-appellat. Dan fisser illi ma kienx qed jigi ikkontestat il-fatt illi l-appellat kien irrilaxxja l-istqarrija b'mod volontarju, minghajr biza jew theddid u wara li gie moghti id-debita twissija skont il-ligi. Illi huwa minnu, kif tistqarr l-Ewwel Qorti, fid-decizjoni impunjata illi l-unika prova li kien hemm fl-atti kienet l-istqarrija tal-appellat u ix-xhieda tal-ufficjali investigattivi. Dan ghaliex it-tabiba Tracy Azzopardi li ezaminat lil-appellat meta gie rikoverat l-isptar minhabba fl-*overdose*, ma kenitx f'posizzjoni tipproduci l-ezamijiet medici li saru fuqu sabiex tikkonferma id-dijanjosi taghha dwar il-konsum tas-sustanza illecita. Dan ghaliex ir-rizultati tat-tossikologija maghmula fuq id-demm ta'l-appellat ma instabux fil-*file* tieghu ta'l-isptar. Madanakollu dan ma ifissirx necessarjament illi l-istqarrija rilaxxjata mill-appellat ma ghandhiex valur probatorju abbazi biss tal-fatt illi huwa ma kienx gie moghti il-jedd li jikkonsulta ruhu ma'l-avukat qabel gie mitkellem mill-pulizija. Illi f'dan il-kaz, kif inghad, l-appellat ma giex mitkellem mill-pulizija, kif solitament jigri, fil-jum stess li gie intercettat fil-pussess tas-sustanza illecita. Dan kien kaz ta' *overdose* fejn l-appellat gie rikoverat l-isptar. Kien ghalhekk illi huwa lanqas gie arrestat, izda jidher illi kienu baghtu ghalih il-pulizija biex jigi mitkellem b'appuntament u mhux bl-arrest. Dan ifisser illi f'perijodu ta' 'il fuq minn xahar, certament kellu kull opportunita li jikkonsulta ma' avukat, u jekk naqas milli

jaghmel dan, certament illi tali nuqqas huwa attribwibbli biss lilu. Ma jistax issa jallega illi il-jedd tieghu ghal smiegh xieraq qed jigi lez ghaliex ma' hax parir legali u allura inkrimina ruhu fl-istqarrija rilaxxjata minnu ghaliex fl-ewwel lok kellu opportunita jiehu tali parir u kellu kull jedd li jibqa' sieket minghajr ma jinkrimina ruhu. Dan izda ghazel liberalment li ma jaghmlux, tant illi id-difiza tieghu ma ikkontestatx il-mod volontarju illi bih irrilaxxja l-istqarrija inkriminanti. Errat, allura, l-Ewwel Qorti, meta qabbdet u skartat l-istqarrija bhala prova in atti minghajr ma ghamlet evalwazzjoni xierqa tac-cirkostanzi kollha li sawwru dan il-kaz. Illi f'kaz simili din il-Qorti kif diversament ippresjeduta stqarret:

**"Fil-każ in eżami, kif diġa` osservat, l-appellata kienet mgħarrfa bil-jedd tagħha li tibqa' siekta u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulha mill-uffiċjal investigatur. Ma jirriżultax li kellha esperjenzi oħrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, iżda l-għażla li twieġeb jew ma tweġibx setgħet tagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk tali għażla għamlitha b'liberta` sħiħa. Difatti mhux talli ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali), talli fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011 id-difiża għamlet verbal fejn iddikjarat li "qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` u volontarjeta` tal-istqarrija". Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta` ta' l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta` ma ġietx messa in diskussjoni. Konsegwentement in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` ta' l-istqarrija ta' l-appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli.[2]"**

Dwar il-piena li ghandha tinghata, il-Qorti ma tistax tinjora il-fedina penali nadifa ta'l-appellat u l-fatt illi dan kien kaz uniku ta' abbuz minn sustanzi illeciti minn naha tieghu li kien ser ihallas qares ghalih b'hajjtu.

[2] Il-Pulizija vs Debbie Antoinette Vella – 10/04/2013

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh. Konsegwentement id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti qed tigi revokata b'dan ghalhekk illi wara li rat l-artikoli 40A, 120, 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lill-appellat hati ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fiz-zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur